

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) [Rikonoxximent Reċiproku Ta' Miżuri Ta' Protezzjoni F'materji Ċivili](#) > [England and Wales](#)

L-Ingilterra u Wales

Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

L-Ingilterra u Wales

Artikolu 17 - Informazzjoni magħmula aċċessibbli għall-pubbliku

FI-Ingilterra u Wales

Miżuri ta' protezzjoni maħruġa (jiġifieri dawk ir-rikorsi ordnati fir-Renju Unit li jridu jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stati Membri oħra tal-UE)

Kwalunkwe rikorrent għal (jew riċevitur ta') miżura ta' protezzjoni domestika fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (eż. dawk misjuba f'mandati ta' inibizzjoni taħt l-Att dwar il-Protezzjoni mill-Fastidju tal-1997, jew fil-kuntest tal-familja, ordnijiet kontra l-molestja, ordnijiet ta' okkupazzjoni u ordnijiet ta' protezzjoni kontra żwieġ furzat) se jkun jista' japplika għal ċertifikat ta' miżura ta' protezzjoni taħt din l-iskema biex jestendi dik il-protezzjoni għal Stat Membru tal-UE ieħor apparti dak tal-qorti li tkun haġġgħa. FI-Ingilterra u Wales dawn il-qrati se jkunu:

- il-qorti tal-familja (the family court)
- il-qorti tal-kontea (the county court)
- il-Qorti Għolja (High Court) (kemm is-Sezzjoni tal-Familja kif ukoll is-Sezzjoni tal-Queen's Bench)
- il-qrati tal-maġistrati (magistrates' courts) (li jistgħu joħorġu Ordnijiet ta' Protezzjoni kontra l-Vjolenza Domestika)
- Qorti tal-Protezzjoni

Id-dettalji tal-proċeduri rilevanti li għandhom jiġu segwiti b'rabta ma' dawn il-miżuri huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni u fir-Regoli dwar il-Proċedura tal-Familja jew il-Proċedura Ċivili (Family or Civil Procedure Rules - FPR jew CPR) applikabbli, li huma l-Parti 38 il-ġdida tal-FPR (Gwida għall-Prattika tal-FPR 38A) u t-Taqsima VI l-ġdida tal-Parti 74 tas-CPR.

Kull waħda minn dawn il-qrati tipprovdi għajnuna sabiex tressaq rikors. Attwalment qed jitħejja wkoll fuljett u dan se jkun aċċessibbli permezz tas-sit web tas-servizz tal-qorti (HMCTS)

Jekk il-qorti tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti, hija toħroġ ċertifikat fil-forma preskritta (komuni fl-UE kollha). Dan jingħata lill-persuna protetta/lir-rikorrent protett. Il-persuna protetta tista' titlob ukoll li l-qorti tipprovdiha ċertifikat tradott.

Il-Qorti tinnotifika lill-"persuna li tkun qed tikkawża r-riskju" li ċ-ċertifikat ikun inħareġ (u li japplika fl-UE kollha). Il-ħruġ ta' ċertifikat ma jistax jiġi appellat, għalkemm jista' jsir rikors għar-rettifika jew għall-irtirar tiegħu.

Iċ-ċertifikat ifisser li awtomatikament il-persuna protetta għandha l-miżura ta' protezzjoni rikonoxxuta u jekk meħtieġ eżegwibbli fi kwalunkwe Stat Membru ieħor (minbarra d-Danimarka, li mhijiex marbuta bir-Regolament).

Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' miżura ta' protezzjoni li tkun ġejja minn Stat Membru ieħor (fir-Renju Unit minn Stat Membru ieħor)

Miżura ta' protezzjoni maħruġa fi Stat Membru ieħor tiġi awtomatikament rikonossuta mingħajr il-ħtieġa ta' proċedura speċjali, u hija eżegwibbli mingħajr dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà. M'hemmx bżonn li din tiġi ppreżentata lill-qorti għal rikonossiment.

Jekk persuna protetta teħtieġ "aġġustament tal-elementi fattwali" (eż. indirizz ġdid eċċ.) tal-miżura ta' protezzjoni tagħha, u/jew tfitteż l-eżekuzzjoni tal-miżura jekk kien hemm ksur allegat, tista' tippreżenta rikors quddiem waħda mill-qrati li ġejjin fl-Ingilterra u Wales:

- il-qorti tal-familja (the family court)
- il-qorti tal-kontea (the county court)
- il-Qorti Għolja (High Court) (Sezzjoni tal-Familja).

Dawn il-qrati jistgħu jaġġustaw il-miżura kif xieraq (jekk jintalab dan). Il-persuna li tkun qed tikkawża r-riskju tiġi mgħarrfa bl-aġġustamenti li jkunu saru (u bil-penali għall-ksur).

Dawn il-qrati jistgħu jeżegwixxu l-miżura ta' protezzjoni billi japplikaw kwalunkwe sanzjoni ċivili li jistgħu japplikaw meta jeżegwixxu miżuri ta' protezzjoni domestiċi bħal ordnijiet kontra l-molestja jew mandati ta' inibizzjoni taħt l-Att dwar il-Protezzjoni mill-Fastidju tal-1997.

"Persuna li tikkawża r-riskju" tista' tippreżenta rikors quddiem dawn il-qrati biex jirrifjutaw ir-rikonossiment jew l-eżegwibbiltà tal-miżura ta' protezzjoni ta' pajjiż ieħor, iżda hemm raġunijiet speċifiċi u limitati biex il-qorti tagħmel dan; il-miżura trid tkun manifestament kuntrarja għall-ordni pubbliku, jew irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni domestika.

Artikolu 18 (a)(i) - l-awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu ċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 5

Fl-Ingilterra u Wales

- il-qorti tal-familja (the family court)
- il-qorti tal-kontea (the county court)
- il-Qorti Għolja (High Court) (kemm is-Sezzjoni tal-Familja kif ukoll is-Sezzjoni tal-Queen's Bench)
- il-qrati tal-maġistrati (magistrates' courts)
- Qorti tal-Protezzjoni

Artikolu 18 (a)(ii) - l-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura ta' protezzjoni ordnata fi Stati Membruieħor u/jew li huma kompetenti biex jeżegwixxu tali miżura

Fl-Ingilterra u Wales

- il-qorti tal-familja (the family court)
- il-qorti tal-kontea (the county court)
- il-Qorti Għolja (High Court) (Sezzjoni tal-Familja).

Artikolu 18 (a)(iii) - l-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jagħmlu l-aġġustament tal-miżuri ta' protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(1)

Fl-Ingilterra u Wales

- il-qorti tal-familja (the family court)
- il-qorti tal-kontea (the county court)
- il-Qorti Għolja (High Court) (Sezzjoni tal-Familja).

Artikolu 18 (a)(iv) - il-qrati li lilhom ir-rikors għal rifjut tar-rikonossiment u, fejn applikabbli, tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 13

Fl-Ingilterra u Wales

- il-qorti tal-kontea (the county court)
- il-qorti tal-familja (the family court)

- il-Qorti Għolja (HighCourt) (Sezzjoni tal-Familja).

Artikolu 18 (b) - il-lingwa jew lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)

L-Ingliż fil-ġurisdizzjonijiet kollha fir-Renju Unit

■ L-aħħar aġġornament: 07/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.